MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 866/1995/1

**Dr. Gerald Montanaro Gauci ghan-nom
u in rappresentanza ta' Seal International
Limited kif debitament awtorizzat**

**v**

**Alex Agius Cesareo bhala Chairman u
ghan-nom u in rappresentanza tas-
socjeta` Malta Export Credit Guarantee
Company Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Gunju, 1995 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc, l-attur nomine ppremetta illi s-socjeta` konvenuta l-Malta Export Credit Guarantee Company Limited harget favur l-attur polza ta' assikurazzjoni b'guarantee reference no. Nru. 0/0010/9104 taht liema polza gew assikurati r-riskji ta' l-attur fil-bejgh u esportazzjoni ta' merkanzija lis-socjeta` estera Micro Sport AB (Dok. A); illi s-socjeta` konvenuta giet debitament informata bin-negozjati li kienu qeghdin isiru mas-socjeta` Micro Sport AB; illi s-socjeta` konvenuta kienet insistiet li s-socjeta` Elbe Sport HB u Skattbergs Modetrika AB taghti garanzija ghall-hlas (Dok C) liema garanzija giet debitament moghtija; illi qabel ma s-socjeta` attrici spediet il-merkanzija informat lis-socjeta` konvenuta bil-kundizzjonijiet tal-kompro-vedita; illi wara li sar il-bejgh u wara li l-merkanzija giet esportata minn Malta s-socjeta` Micro Sport AB ma kienitx f'posizzjoni finanzjarja li thallas ghall-merkanzija; illi inoltre s-socjetajiet li hargu l-guarantees marru "in receivership"; illi s-socjeta` konvenuta kienet debitament informata b'dan u peress li s-socjeta` attrici ghamlet kollox sabiex timinimizza d-danni; illi sussegwentement is-socjeta` konvenuta talbet prokura minn ghand is-socjeta` attrici sabiex tkun tista` tipprocedi legalment kontra d-debitur u/jew garantors; illi s-socjeta` konvenuta qabdet l-avukati taghha f'Malta sabiex jipprocedu skond il-ligi ghall-istess skop; illi sa fejn jaf l-attur, il-proceduri legali kontra s-socjeta`/ socjetajiet esteri ma kellhomx ezitu favorevoli; illi l-attur issotometta l-"Claim" relattiv mas-socjeta` konvenuta; illi s-socjeta` konvenuta issa qieghda tirrifjuta li tonora dan il-claim billi tippretendi li s-socjeta` attrici ghandha jew kellha tibda proceduri kontra l-azzjonisti tas-socjeta` Elbe HB personalment; illi jidher car li s-socjeta` konvenuta qeghda tipprova li ma tonorax l-obbligazzjonijiet assunti minnha; illi ghalhekk l-attur sofra danni u s-socjeta` konvenuta ma tridx taghmel tajjeb ghat-telf li sofra l-attur; premess dan kollu s-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi li s-socjeta` konvenuta hija legalment tenuta u obbligata li taghmel tajjeb ghad-danni li sofra l-attur konsegwenza ghal riskju kopert mill-polza ta' assikurazzjoni;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur anki b'opera ta' perit nominandi;
3. tikkundana lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas (sic) lill-attur nomine s-somma hekk likwidata.
Bl-ispejjes komprizi u bl-imghax kummercjali.

B'nota pprezentata fil-25 ta' Settembru 1995 il-konvenut nomine eccepixxa:-
1. Illi, preliminarjament, din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tisma' u tiddeciedi dan il-kaz in vista` tal-klawzola arbitrali fl-artikolu 16.9 tal-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni (Dok. C);
2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` eccipjenti ma hijiex tenuta u obbligata li taghmel tajjeb ghall-allegat telf, stante li ma gewx sodisfatti l-kondizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 7.1 tal-polza ta' assikurazzjoni (Dok. C), partikolarment dawk imsemmija fi klawsoli 7.1.1, 7.1.3 u 7.1.5 tal-istess polza.
3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` eccipjenti ma hijiex tenuta u obbligata li taghmel tajjeb ghall-allegat telf, skond klawsola 8.2.2 tal-polza ta' assikurazzjoni sakemm l-attur noe ma jottjenix sentenza kontra l-garanti.

B'sentenza preliminari tal-15 ta' Novembru, 1996 l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta giet michuda. Minn din is-sentenza ma gie ntavolat ebda appell la wara l-istess sentenza preliminari u lanqas flimkien mar-rikors ta' appell mis-sentenza fil-mertu hawn taht imsemmija.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fil-31 ta' Jannar, 2002 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi, wara li ghamlet diversi konsiderazzjonijiet dwar il-mertu proprju tal-vertenza, cahdet l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u laqghet it-talbiet attrici b'dan illi, kif jinghad fil-parti dispositiva tas-sentenza:-
"1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija legalment tenuta w obbligata li taghmel tajjeb ghad-danni li sofra l-

attur konsegwenza ghal riskju kopert mill-polza ta' assikurazzjoni.

"2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici fl-ammont ta' disa' (recte 'disgha') u ghoxrin elf, tlett mija u ghoxrin lira Maltija u sebgha u hamsin centezimu (LM29,323.57).

"3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur nomine s-somma hekk likwidata ta' disa' (recte 'disgha') u ghoxrin elf, tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (LM29,323.57).

Bl-ispejjes komprizi dawk tas-sentenza tal-15 ta' Novembru, 1996 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-11 ta' Novembru 1992 data meta giet sottomessa l-istess *claim* lis-socjeta` konvenuta sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess socjeta` konvenuta."

Ghall-ahjar intendiment ta' din is-sentenza qed tigi annessa kopja tas-sentenza appellata biex tifforma parti integrali minn din is-sentenza tal-lum (ara Anness "A").

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk, b'rikors ipprezentat fid-19 ta' Frar, 2002, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tilqa' it-tieni u/jew it-tielet eccezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta appellanti u/jew tichad it-talbiet tal-kumpanija attrici kif dedotti fic-citazzjoni, u, minghajr pregudizzju ghat-talba principali, f'kaz li din it-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata ma tigix milqugha, li tirriforma l-imsemmija sentenza billi thassar il-parti tas-sentenza li tordna li l-imghax huwa dovut mid-data tal-11 ta' Novembru 1992 meta giet sottomessa l-claim. Bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Is-socjeta` attrici appellata ma pprezenta ebda risposta in iskritt biss d-difensur taghha deher fl-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2004 u ghamel is-sottomissjonijiet tieghu.

L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti huma sostanzjalment is-segwenti:-

Fl-ewwel lok qed jigi sottomess li l-ewwel qorti kienet skorretta meta cahdet it-tieni eccezzjoni minhabba nuqqas ta' provi. Intqal li mill-provi prodotti jirrizulta li kien hemm nuqqas da parti tas-socjeta` attrici billi din naqset milli tottempera ruhha ma l-obbligu li tosserva "*the utmost good faith at all times and will, in particular disclose to MECGC all inorfmation within the Insured's knowledge which affects the risks guaranteed*". In sostenn ta' din l-allegazzjoni saret referenza ghal dak li inghad fin-nota tal-osservazzjonijiet pprezentata mis-socjeta` konvenuta.

Din il-Qorti, ezaminati l-atti, tikkondividi pienament dak li qalet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata meta, wara li ezaminat il-klawsoli tal-kuntratt imsemmija fit-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti, qalet:-
"*Illi jigi mill-ewwel rilevat li mill-provi kumpilati ma jirrizulta fl-ebda mod li, hlief ghal dak li ser jinghad aktar 'l quddiem f'din is-sentenza, ir-rekwiziti tal-artikoli 7.1.3 u 7.1.5 ma gewx sodisfatti, tant li s-socjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda prova f'dan is-sens. Jinghad ukoll li anke l-korrispondenza li ghaddiet bejn il-kontendenti dwar din il-kwistjoni turi fl-aktar mod car li l-oggezzjoni tas-socjeta` konvenuta qatt ma kienet effettivament ibbazata fuq iz-zewg artikoli fuq citati u fil-fatt ma hemm ebda referenza ghall-istess fil-korrispondenza esebita hlief f'relazzjoni mal-artikolu 8.2.2 tal-istess polza li tikkostitwixxi l-kontestazzjoni ewlenija f'din il-kawza.*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti tirrifletti sewwa sew il-pern veru u proprju tal-kontestazzjoni fir-rigward ta' din il-'cliam'. Infatti fil-parti konklussiva tal-affidavit ta' Victor Agius, Senior Manager tal-Middle Sea Insurance li kienet qed tagixxi bhala "Underwrting Managers" ghas-socjeta` konvenuta, jinghad hekk:-
"*MECI* (Malta Export Credit Guarantee Insurance Company Ltd) *irrifjutat li thallas il-klejm u insistiet li peress li skond Klawsola 8.2.2 tal-Garanzija tal-MECI ma jkunx*

*hemm telf skond il-Garanzija sakemm min jiggarantixxi l-pagament,* ***f'dan il-kaz il-familja Backlund,*** *jew ihallas l-ammont garantit (l-ammont tal-klejm,) jew tigi ottenuta sentenza kontrieh*[1]*."*

Din l-attitudini tas-socjeta` konvenuta appellanti terga' tirrafigura f'ittra dettaljata li l-istess socjeta` baghtet lis-socjeta` attrici fit-13 ta' Awissu, 1993 – liema ittra kienet iffirmata kemm mis-Sur Victor Agius kif ukoll minn J.L. Spencer – Senior Manager tas-socjeta` konvenuta[2]. Wara li saret referenza espressa ghall-klawsola 8.2 tal-kuntratt u giet ukoll citata l-klawsola 8.2.2, l-ittra imsemmija tkompli hekk:
*"As already advised to you, in accordance with the above clause, loss is not ascertained under the Guarantee unless and until the guarantor, in this case, the Backlund family in Sweden, either pays the amount guaranteed (the amount of your claim) or a judgement is obtained against the guarantor.*"(sottolinear ta' din il-Qorti).

Din il-Qorti ghalhekk hija sorpriza kif, issa f'dawn il-proceduri, is-socjeta` konvenuta appellanti tipprova takkampa r-rifjut taghha li tonora l-claim fuq konsiderazzjonijiet ghal kollox estranei ghal dak li kien qed jigi argumentat fi stadju precedenti. Dan dejjem, skond l-istess socjeta` konvenuta appellanti, fil-kuntest tal-kuncett ta' 'uberrima fidei' li meta dan il-principju ghandu japplika, japplika ghall-kontraenti kollha f'kuntratt ta' assikurazzjoni. Din l-attitudini tas-socjeta` konvenuta ma tistax u ma ghandhiex tigi accettata meta mix-xhieda ta' Victor Agius jirrizulta li qabel ma s-socjeta` konvenuta accettat ir-riskju mertu tal-kawza, hija ghamlet l-investigazzjonijiet kollha mehtiega u imponiet il-kondizzjonijiet kollha necessarji, liema kondizzjonijiet gew accettati u ezegwiti 'in toto' mis-socjeta` attrici. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u qed jigi michud.

It-tieni aggravju tas-socjeta` konvenuta jikkoncerna c-cahda ta' l-ewwel qorti tat-tielet eccezzjoni tal-istess socjeta` billi qed jigi sottomess li jirrizulta mill-provi li s-

---
[1] Ara fol. 73 tal-process.
[2] Ara fol. 134 tal-process.

socjeta` attrici naqset li tosserva l-kondizzjonijiet stipulati fil-klawsola 8.2.2 tal-kuntratt ta' assikurazzjoni. Issa din il-Qorti tikkondividi s-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti fis-sens li dak li jigi stipulat bejn il-partijiet ghandu jorbot ir-relazzjonijiet u obbligi reciproci, izda jistghu jinholqu cirkostanzi, bhal fil-kaz in eazmi, fejn ma jkun hemm ebda utilita`, anzi jkun hemm il-possibbilita` li tiggarrab aktar hsara, jekk jinghata effett lil certi obbligi kuntrattwali.

Il-klawsola 8.2.2 tal-kuntratt ta' assikurazzjoni kienet intenzjonata biex f'kaz li tirrizulta 'claim' taht il-kondizzjonijiet tal-polza, u jkun hemm garanti tal-'buyer', jittiehdu dawk l-proceduri kollha mehtiega kontra l-istess garanti biex tigi sodisfatta l-'claim' tal-assikurat u b'hekk l-assikurazzjoni tigi mehlusa mill-obbligu ta' indennizz. Biss fil-kaz in ezami kien jidher evidenti li tali proceduri, apparti rikonoxximent gudizzjarju tal-obbligi tal-garanti, qatt ma seta' jkollhom ezitu prattiku in kwantu s-socjetajiet garanti tal-'buyer' kienu huma ukoll dikjarati fi stat ta' falliment. Konsegwentement kwanlunkwe procedura li setghet tittiehed kienet biss isservi biex izzid spejjes ghall-partijiet interessati, minghajr l-icken possibilita` li tingabar xi parti mis-somma involuta. Mill-provi jidher li, kuntrarjament ghal dak li qed jigi sottomess fir-rikors tal-appell, l-istess socjeta` konvenuta kienet pienament konsapevoli ta' din is-sitwazzjoni billi l-stess socjeta` konvenuta bdiet tinsisti li l-proceduri li kellhom jittiehdu a tenur tal-artikolu fuq imsemmi, kellhom hekk jittiehdu kontra l-familja Backlund[3], cioe' l-azzjonisti tas-socjetajiet in kwistjoni. Biss, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, u kif dejjem kien gie ritenut mis-socjeta` appellata, dan ma kienx obbligu impost fuq is-socjeta` attrici. Se mai setghet tagixxi s-socjeta` konvenuta kontra tali persuni wara li tonora l-obbligi minnha assunti fil-kuntratt ta' assikurazzjoni. Infatti fl-ittra tat-8 ta' Awissu 1994 ta' Dr. Gerald Montanaro Gauci bhala Direttur tas-socjeta` attrici, jinghad espressament hekk: "*We established during our meeting that you have all the information and it is simply a question of interpretation of the relevant provisions of the cover.* <u>*As we have claimed all along I do not feel it is*</u>

[3] Ara f'dan ir-rigward l-ittra tas-socjeta` konvenuta tat-13 ta' Awissu 1993 u partikolarment pagna 134 tal-process.

*<u>correct to invoke clause 8.2.2 of the policy and delay payment. The correct procedure is to settle the claim and pursue the Backlund family afterwards, if this is the course the Swedish Lawyers advise.</u>*"[4] Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb li wkoll huwa rifless b'mod awtorevoli fis-sentenza appellata. Dan l-aggravju (li jinkorpora fih il-paragrafu enumerat (3) fir-rikors ta' appell), ghalhekk, qed jigi respint.

Illi l-ahhar aggravju tas-socjeta` appellanti jikkoncerna l-imghaxijiet li gew imposti fis-sentenza appellata, u dana billi, kif qed jigi sottomess, kuntrarjament ghall-prassi ta' dawn il-qrati kif ukoll kuntrarjament ghall-obbligi kuntrattwali, l-imghax impost ser jigi, skond is-sentenza, komputat b'effett mill-11 ta' Novembru 1992 u cioe` mid-data li giet sottomessa l-claim. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tosserva li t-talba attrici kienet ghall-ammont mhux definit, u liema ammont gie determinat fis-sentenza appellata. Il-gurisprudenza nostrana hija konkordi billi f'cirkostanzi simili dejjem gie ritenut li l-imghax ma jibdiex jiddekorri hlief mid-data li jigi stabbilit l-ammont dovut[5]. Dan l-aggravju ghalhekk jidher gustifikat u din il-qorti sejra tipprovdi konformement fil-parti dispositiva ta' din is-sentenza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tipprovdi fuq l-appell tas-socjeta` konvenuta billi tichdu nkwantu dan jolqot il-mertu deciz fis-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti chadet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti u laqghet it-talbiet attrici u tirriforma l-istess sentenza biss inkwantu din ipprovdiet dwar hlas ta' l-imghaxijiet billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn is-socjeta` konvenuta giet ikkundanata thallas imghax kummercjali b'effett mill-11 ta' Novembru 1992 billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-imghax b'effett mid-data tas-sentenza appellata. Spejjes ta' dan l-appell ghas-socjeta` konvenuta appellanti.

---

[4] Ara fol. 147 tal-process.

[5] Ara sentenza 30/05/03 Appell Superjuri in re Renato Ellul et v. Emmanuel Delicata noe et u sentenza 30/06/04 Appell Superjuri in re Vivian Charmaine Mizzi v. Carmel Mizzi.

Deputat Registratur
Mgc

**ANNESS "A"**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2002, qeghda tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------